| HENRY SCHEIN ESPAÑA, S.A. | 1 | VENTA PETRUSO, S.L. | **1** |
| HERMANOS PEÑA, S.I. | 1 | VICTORIA Y ARANCHA, S.I. | **1** |
| HERMANOS VILLARROYA LANGA, S.I. | 2 | VICTORIANO MOLDES RUIBAL S.A. | **1** |
| HERNANDEZ BARRUTIA CARLOS | 1 | VIDAL BLASCO JOSE L. | **1** |
| HERNÁNDEZ CARNE, TERESA | 1 | VIDRIOS TEJERO, S.L. | **1** |
| HIPERCOR, S.A. | 3 | VIKYANA, S.L. | **1** |
| HIPERMUEBLE TERUEL, S.L. | 1 | VILLALBA MATERIALES DE LA CONSTRUCCIÓN, S.L. | **1** |
| HIPOPÓTAMO EUROPA, S.L. | 1 | VILLAMARIN CASA VERONI | **1** |
| HYPERLUZ, S.A. | 2 | VINOS ARTESANALES DE CALIDAD, S.L. | **4** |
| IBERTELE MOVILES, S.L. | 1 | VISENTTI, S.A. | **2** |
| IGLARTON, S.L. | 1 | VIUDA DE FELIPE SANZ, COM. B. | **2** |
| IKEA IBERICA, S.A. | 2 | VIVA AQUA SERVICE SPAIN, S.A. | **2** |
| ILERTOIL, S.L. | 1 | VIVACOM ARAGON, S.L. | **3** |
| IMAGINARIUM, S.A. | 3 | WORTEN ESPAÑA DISTRIBUCIÓN, S.L. | **1** |
| INDUSTRIAS CARNICAS ARROYOS, S.L. | 1 | WURTH ESPAÑA, S.A. | **1** |
| INFINI IBERICA, S.L. | 1 | XEY ARAGON, S.L. | **1** |
| INFOARA SISTEMAS Y COMUNICACIONES, S.L. | 1 | YUSTE GÓMEZ MARÍA | **1** |
| INFOR AMBIENTES, S.L. | 2 | YVES ROCHER ESPAÑA, S.A. | **1** |
| INGALATURRE REINADO, JOSÉ MARÍA | 1 | ZAERA BENAGES ROSA A | **1** |
| INSE S. XXI, S.L. | 1 | ZAMORA VILLACAMPA JOSE A | **1** |
| INSVET, S.A. | 1 | ZARA 100, S.I. | **1** |
| INTERIORES FRANCES, S.L. | 1 | ZARAGOZA RED SPACES, S.L.U. | **2** |
| INTERIORISMO Y DECORACIÓN SOBRE MESA, S.L.L. | 1 | ZIRCONITE DE NEGOCIOS, S.L. | **1** |
| INTERPRESA MAPUSA, S.L. | 1 | ZOO MONCAYO, S.L. | **1** |
| ISOFAGE LOGISTICA 2008, S.L. | 5 | | |
| **Għadd totali tal-intrapriżi: 593** | | **Għadd totali ta' sensji: 1 154** | |

10. Il-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja se jiġu offruti l-appoġġ mill-EGF, filwaqt li r-rata ta' parteċipazzjoni huwa stmat li hi ta' 40 %.

11. It-tqassim fir-rigward tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huwa kif ġej :

| **Kategorija** | **Għadd** | **Perċentwali** |
|---|---|---|
| Irġiel | 312 | 27 |
| Nisa | 842 | 73 |
| Ċittadini tal-UE | 1 085 | 94 |
| Ċittadini minn barra l-UE | 69 | 6 |
| bejn il-15 u l-24 sena. | 173 | 15 |
| bejn il-25 u l-54 sena. | 900 | 78 |

| Kategorija | Għadd | Perċentwali |
|---|---|---|
| bejn il-55 u l-64 sena. | 81 | 7 |

12. It-tqassim fir-rigward tal-kategoriji tal-ħaddiema huwa preżentat f'żewġ tabelli. Tabella minnhom tikkonċerna l-maġġoranza tal-ħaddiema u ssegwi l-klassifikazzjoni ISCO-88, filwaqt li l-oħra tikkonċerna l-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-intrapriża 'Galerias Primero' u ssegwi l-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fil-ftehim kollettiv tal-kumpanija.

| **Kategorija** (skont il-klassifikazzjoni ISCO-88) | **Għadd** | **Perċentwali** |
|---|---|---|
| Tekniċi u professjonisti assoċjati | 30 | 3,49 |
| Skrivani | 40 | 4,66 |
| Ħaddiema tal-ħwienet u bejjiegħa fis-swieq | 310 | 36,09 |
| Ħaddiema fl-artiġjanat u snajja' relatati | 325 | 37,83 |
| Operaturi tal-impjant u tal-magni | 30 | 3,49 |
| Xogħlijiet elementari | 124 | 14,44 |
| Total | 859 | 100,00 |

| **Kategorija** (skont il-ftehim kollettiv tal-kumpanija) | **Għadd** | **Perċentwali** |
|---|---|---|
| Grupp II (Wejters, kaxxiera, sewwieqa, persuni li jagħmlu t-tiswijiet, persuni li jarmaw il-vetrini, persuni li jbigħu fil-ħwienet, eċċ) | 152 | 51,53 |
| Grupp III (persuna speċjalizzata fil-bejgħ fil-ħwienet, persuna professjonista tal-armar tal-vertrini, persuna professjonista li tagħmel it-tiswijiet, eċċ) | 82 | 27,80 |
| Grupp IV (skrivani professjonisti, maniġer ta' dipartiment, programmatur tal-kompjuter, eċċ) | 25 | 8,47 |
| Grupp V (Persunal tekniku) | 35 | 11,86 |
| Grupp VI (Maniġers) | 1 | 0,34 |
| Total | 295 | 100,00 |

13. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li ġiet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, għall-aċċess għall-EGF.

<u>**Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu:**</u>

14. It-territorju kkonċernat mis-sensji huwa l-komunità awtonoma ta' Aragón. Il-biċċa l-kbira tat-territorju tar-reġjun għandu densità ta' popolazzjoni inqas mill-medja tal-UE (112 abitanti għal kull km$^2$) filwaqt li 60 % tal-popolazzjoni totali tat-territorju hija kkonċentrata fil-belt ta' Zaragoza u ż-żona ta' madwarha. L-ekonomija ta' Aragon li tradizzjonalment hija bbażata f'newba taċ-ċereali u t-trobbija tan-nagħaġ f'dawn l-

aħħar tnejn/tliet deċennji nbidlet permezz taż-żieda tas-settur industrijali, servizzi u kummerċ, u segwita mit-turiżmu, b'mod partikolari t-turiżmu ġġenerat mill-isport tax-xitwa. Il-maġġoranza tal-attività industrijali ta' Aragon tinsab f'Zaragoza. L-isplużjoni tal-industrija lokali kienet akkumpanjata minn tkabbir b'saħħtu tas-settur tas-servizzi. Id-distribuzzjoni u ċ-ċentri ta' xiri u ta' divertiment bbażati wkoll f'Zaragoza saru sorsi importanti tal-impjiegi. Aragón tammonta għal 3 % tal-PGD ta' Spanja.

15. Il-partijiet interessati ewlenin huma d-Departamento de Economía, Hacienda y Empleo del Gobierno de Aragón (Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Impjiegi) u l-Instituto Aragonés de Empleo-INAEM (servizzi ta' xogħol tal-gvern awtonomu ta' Aragón; it-trejdjunjins Confederación Sindical de Comisiones Obreras CC.OO Aragón u Unión General de Trabajadores-UGT Aragón; u erba' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem: Confederación de Empresarios de Aragón-CREA, Confederación de la Pequeña y Mediana Empresa Aragonesa-CEPYME Aragón, Confederación de Empresarios del Comercio-CEC u Federación de Empresarios del Comercio de Aragón-CEMCA.

**L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

16. L-awtoritajiet Spanjoli jisħqu li s-sensji fis-settur tal-imnut se jiggravaw is-sitwazzjoni tal-qgħad, li diġà ddeterjorat minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja. Fir-reġjun Awtonomu ta' Aragón, ir-rata tal-qgħad żdiedet minn 6,2 % fit-Q3/2008 għal 12 % fit-Q3/2009. Fi Frar 2010 l-qgħad fis-settur tas-servizzi rrappreżenta 56 % tal-qgħad totali fir-reġjun.

17. Minħabba d-densità baxxa ta' popolazzjoni fil-maġġoranza tat-territorju kkonċernat b'din l-applikazzjoni (bejn 3 u 54 abitanti għal kull km$^2$) u r-riskju ta' depopolazzjoni, is-sensji għandhom impatt negattiv ħafna fuq dan ir-reġjun u jistgħu jipperikolaw l-isforzi li saru biex jinkoraġġixxu l-popolazzjoni biex tibqa' fit-territorju.

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u rendikont tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

18. Il-miżuri kollha li ġejjin flimkien jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati maħsuba biex jerġgħu jintegraw lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Huma organizzati f'erba' oqsma:

**Gwida, għoti ta' pariri u tfittix għal xogħol.**

– Sessjoni ta' merħba, gwida dwar ix-xogħol u l-ġbir ta' profili: L-ewwel miżura pprovduta lill-parteċipanti kollha tinkludi l-ġbir ta' profili tal-ħaddiema kif ukoll tagħrif dwar ix-xogħlijiet disponibbli, dwar ħiliet u rekwiżiti ta' taħriġ, dwar programmi ta' taħriġ disponibbli u dwar inċentivi.

– Taħriġ dwar tekniki għal tfittix għal xogħol, impjieg indipendenti u ħiliet soċjali: Il-ħaddiema se jipparteċipaw f'sessjoni ta' ħidma ffokata fuq impjieg indipendenti u l-promozzjoni tal-intraprenditorija jew inkella se jiġu mħarrġa f'ħiliet għal tfittix ta' xogħol. Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb l-għarfien tal-parteċipant dwaru stess u li tirriinforza l-istima personali tiegħu.

**Taħriġ u taħriġ mill-ġdid**

– Taħriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid: Din il-miżura toffri diversi rotot ta' taħriġ. Il-ħaddiema se jingħataw l-opportunità li jsegwu wieħed jew aktar minn dawn il-korsijiet ta' taħriġ: (1) Tagħrif u teknoloġiji ta' komunikazzjoni (ICT) taħriġ bażiku jew intermedjarju; (2) Taħriġ f'ħiliet vokazzjonali: F'din il-miżura l-parteċipanti se jiġu mħarrġa f'ħiliet meħtieġa għal xogħlijiet li attwalment hemm domanda għalihom; (3). Taħriġ għal kwalifiki professjonali: Dan il-kors ta' taħriġ se jkun imfassal biex jidentifika l-bżonnijiet ta' intrapriżi lokali, li min-naħa tagħhom se jikkommettu ruħhom biex jimpjegaw xi wħud mill-ħaddiema li jipparteċipaw f'din l-azzjoni.

– Taħriġ fl-iżvilupp personali: Il-parteċipanti se jiġu mħarrġa f'ħiliet transversali, inklużi l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni, reżoluzzjoni ta' konflitt, adattament għall-bidla, eċċ. Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb l-istima personali tal-parteċipanti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni interpersonali tagħhom jew ħiliet transversali oħrajn, sabiex tiffaċilita d-daħla tagħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

**Integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg**

– Għajnuna intensiva għat-tfittix ta' xogħol: Din se tinvolvi tfittix intensiv għal xogħol (inkluża riċerka attiva tal-opportunitajiet ta' impjiegi lokali u reġjonali, esplorazzjoni ta' opportunitajiet ġodda għal impjiegi bħal kummerċ organiku, eċċ) u t-tqabbil ta' xogħlijiet disponibbli ma' persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol.

– Tutoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol: Din se tipprevjeni li jkun hemm problemi possibbli fix-xogħlijiet il-ġodda: il-ħaddiema integrati mill-ġdid fl-impjiegi se jiġu ggwidati matul l-ewwel tliet xhur fix-xogħlijiet il-ġodda tagħhom.

**L-inċentivi**

– Inċentiv għall-parteċipazzjoni: Biex jitħeġġew jipparteċipaw fil-miżuri, il-ħaddiema se jirċievu somma ta' darba ta' EUR 200 bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fil-miżuri tal-pakkett EGF.

– Għajnuna għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti: Ħaddiema li jieħdu ħsieb persuni dipendenti (tfal, anzjani jew persuni b'diżabilità) se jirċievu somma ta' darba ta' EUR 200 bħala kontribut għall-ispejjeż għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti bil-kundizzjoni li jipparteċipaw fil-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri spejjeż addizzjonali li jkollhom ħaddiema li għandhom responsabilitajiet ta' kura sabiex ikunu disponibbli għat-taħriġ jew miżuri oħrajn.

– Inċentivi għarrikollokazzjoni: Sussidju ta' paga ta' EUR 300 fix-xahar għal massimu ta' tliet xhur se jitħallas lill-ħaddiema li jerġgħu jibdew jaħdmu. Is-sussidju hu maħsub biex jinkoraġġixxi r-riintegrazzjoni fil-pront tagħhom fis-suq tax-xogħol u biex jistimula l-ħaddiema, partikolarment dawk li huma mdaħħlin fl-età, biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

19. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta’ tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll informazzjoni u pubbliċità.

20. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Spanjoli jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 2 358 000 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 42 000 (1,75 % tal-ammont totali). Il-kontribut totali mitlub mill-EGF huwa ta' EUR 1 560 000 (65 % tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira | Spiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR) | Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR) |
|---|---|---|---|
| **Servizzi personalizzati** (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| 1. **Gwida, għoti ta' pariri u tfittix għal xogħol**<br>1.1 Sessjoni ta' merħba, gwida dwar ix-xogħol u l-ġbir ta' profili<br>(*Acogida, elaboración de los itinerarios personalizados de inserción y asesoramiento laboral)* | 400 | 900 | 360 000 |
| 1.2 Taħriġ dwar tekniki għal tfittix ta' xogħol, impjieg indipendenti u ħiliet soċjali<br>(*Formación en técnicas para la búsqueda de empleo, autoempleo y habilidades sociales)* | 385 | 520 | 200 200 |
| **2. Taħriġ u taħriġ mill-ġdid**<br>2.1 Taħriġ ġenerali u taħriġ mill-ġdid<br>(*Formación en TIC, capacitación profesional y formación con compromiso de inserción)* | 375 | 1 280 | 480 000 |
| 2.2 Taħriġ fl-iżvilupp personali<br>(*Formación en competencias transversales)* | 288 | 700 | 201 600 |
| **3. Integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg**<br>3.1 Għajnuna intensiva għal-tfittix ta' xogħol<br>(*Asistencia a la recolocación)* | 400 | 1 800 | 720 000 |
| 3.2 Tutoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fix-xogħol<br>*Seguimiento en el empleo* | 200 | 400 | 80 000 |
| **4. L-inċentivi**<br>4.1 Inċentiv għall-parteċipazzjoni<br>*Incentivo a la búsqueda activa de empleo* | 400 | 200 | 80 000 |

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira | Spiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR) | Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR) |
|---|---|---|---|
| <u>4.2 Għajnuna għal min jieħu ħsieb persuni dipendenti</u><br>*Medidas de acompañamiento* | 281 | 200 | 56 200 |
| <u>4.3 Inċentivi għar-rikollokazzjoni</u><br>*Incentivos para la reinserción laboral* | 200 | 900 | 180 000 |
| **Subtotal tas-servizzi personalizzati** | | | 2 358 000 |
| **In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF** (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Tħejjija | | | 10 800 |
| Tagħrif u pubbliċità | | | 9 000 |
| Attivitajiet ta' kontroll | | | 22 200 |
| Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF | | | 42 000 |
| **Stima totali tal-ispejjeż** | | | **2 400 000** |
| ***Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)*** | | | ***1 560 000*** |

21. Spanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementari mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Spanja se tistabbilixxi l-proċeduri ta' kontroll meħtieġa biex telimina r-riskju ta' finanzjament doppju u se tassigura wkoll li jkun hemm rekord ċar tal-verifiki għall-attivitajiet ta' finanzjament mill-EGF. Spanja tikkonferma wkoll li mhux se jintalab jew jintuża finanzjar ieħor tal-UE għal dawn l-attivitajiet.

22. It-tliet programmi operattivi tal-FSE (2007-2013) dwar attivitajiet ta' kofinanzjament f'Aragón huma: Programm Operattiv Plurireġjonali tal-FSE dwar Adattabilità u Impjiegi, Programm Operattiv tal-FSE Kontra d-Diskriminazzjoni u Programm Operattiv tal-FSE għal Aragón. Għalkemm xi wħud mill-miżuri tal-EGF jistgħu jkunu simili għall-miżuri tal-FSE hemm differenza: Il-miżuri tal-EGF għandhom ċerta individwalità u karattru speċjali (huma jindirizzaw settur u popolazzjoni partikolari) u huma magħmula apposta u għandhom format intensiv.

23. Sabiex tiġi evitata duplikazzjoni tal-miżuri tal-FSE u dawk tal-EGF għandu jkun hemm prosegwiment kontinwu tal-azzjonijiet tal-FSE u tal-EGF li għandhom l-istess għanijiet u tal-ħaddiema kkonċernati.

<u>**Id-data/i meta nbdew jew huwa maħsub li jinbdew servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati**</u>

24. Spanja bdiet toffri s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament fl-1 ta' Mejju 2010. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibilità għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-EGF.

**Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

25. L-imsieħba soċjali CREA, CEPYME Aragón, UGT u CCOO[7] ġew ikkonsultati darbtejn: fid-29 ta' Novembru 2009 u fit-8 ta' Frar 2010, fil-qafas tal-Kumitat li joffri Gwida u għal Intermedjazzjoni u Pjazzament tax-Xogħol tal-Ftehim Ekonomiku u Soċjali għall-Iżvilupp ta' Aragón 2008-2011. Fl-ewwel laqgħa, l-imsieħba soċjali, imħeġġa mill-grad għoli ta' sodisfazzjon tal-parteċipanti fil-miżuri tal-EGF ipprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja fl-industrija tal-karozzi[8], ftehmu li jibagħtu applikazzjoni oħra għall-EGF. Fit-tieni laqgħa ġie diskuss l-abbozz tal-applikazzjoni.

26. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew sodisfatti.

**Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi**

27. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribut finanzjarju mill-EGF ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

**Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

28. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jkun immaniġġjat u kkontrollat mill-istess entitajiet li jimmaniġġjaw u jikkontrollaw il-FSE. L-Instituto Aragonés de Empleo (INAEM) se jkun l-entità intermedjarja għall-awtorità ta' ġestjoni.

**Finanzjament**

29. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribut propost mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati huwa ta' EUR 1 560 000, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li kienet disponibbli minn Spanja.

---

7 Confederación de Empresarios de Aragón-CREA, Confederación de la Pequeña y Mediana Empresa Aragonesa-CEPYME Aragón, Unión General de Trabajadores-UGT Aragón.

8 EGF/2008/004 – SEC(2009) 322 u COM(2009) 150.

30. Minħabba l-ammont massimu possibbli ta' kontribut finanzjarju mill-EGF stabbilit skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tar-riallokazzjoni ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tuża l-ammont totali msemmi hawn fuq mill-EGF, li għandu jiġi allokat taħt l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.

31. L-ammont ta' kontribut finanzjarju propost jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

32. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bil-għan li tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jiġi użat l-EGF u dwar l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali tat-trijalogu.

33. Il-Kummissjoni tippreżenta, separatament, talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approporjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament speċifiċi, kif jitlob il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

<u>**Sors ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti**</u>

34. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2010 skont il-linja tal-baġit 01.0404 "Programm Qafas ta' Kompetittività u Innovazzjoni - Programm ta' intraprenditorija u innovazzjoni" mhux se jintużaw għalkollox din is-sena.

35. Il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm, bl-għan ewlieni tagħha jkun li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi mill-SMEs. Bejn it-trasferimenti lejn il-kontijiet fiduċjarji amministrati mill-Fond Ewropew għall-Investiment u l-ħlas lill-benefiċjarji jeżisti xi ftit dewmien ta' żmien. Il-kriżi finanzjarja għandha effett maġġuri fuq il-previżjonijiet fir-rigward tal-ħlasijiet għall-2010. Minħabba f'hekk, sabiex jiġu evitati bilanċi eċċessivi fil-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-approprjazzjonijiet ta' pagament ġiet riveduta, filwaqt li ttieħed kont tal-ħlasijiet mistennija. L-ammont ta' EUR 1 560 000 għalhekk jista' jsir disponibbli għal trasferiment.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/016 ES/Kummerċ minn Aragón Retail minn Spanja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba[9], u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[10], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea[11],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema ssensjati bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Spanja bagħtet applikazzjoni biex timmobilizza l-EGF, fir-rigward tas-sensji fil-593 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 47 tan-NACE Reviżjoni 2 ('Kummerċ bl-imnut, manifattura għajr għal vetturi bil-mutur u muturi') fir-reġjun tan-NUTS II ta' Aragón (ES24), fis-6 ta' Mejju 2010 u ssupplimentatha b'tagħrif addizzjonali sal-1 ta' Lulju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu

[9] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[10] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
[11] ĠU C […], […], p. […].

ddeterminati l-kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 560 000.

(5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjonijiet imressqa minn Spanja.

IDDEĊIEDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 560 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-pagamenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell/Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*